# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Numru 901/19 TA**

**George Farrugia kemm f'ismu personali u bħala kuratur ta' Rita Farrugia**

**vs**

**Conrad Borg f'ismu personali u f'isem G.P. Borg Busberija Ltd (C 85801); GP Borg Holdings Ltd (C 66564); GP Borg Manufactering Ltd (C 84642)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' George Farrugia f'ismu personali u bħala kuratur ta' Rita Farrugia tad-9 ta' Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Lulju 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-15 ta' Lulju 2019;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Accediet fuq il-post fis-16 ta' Lulju 2019;

Semghet ix-xhieda tal-Perit Christopher Mintoff fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2019.

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors;

Rat li ir-Rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Irid jibda biex jinghad li f'dan l-istadju ma hux obbligu tal-Qorti li teżamina l-mertu fil-fond, għaliex dan huwa xogħol dik il-Qorti li ser tkun qed tieħu konjizzjoni tal-Kawża li ssir għaldaqshekk, jekk ikun il-każ. F'dan l-istadju l-eżami li jrid isir huwa wiehed biex jikkonvinċi lil din il-Qorti, fid-dawl ta' dak li jirrisultalha mill-atti ta' dawn il-proċeduri u ai fini tal-istess, jekk mad-daqqa t'għajn, il-jeddijiet tar-Rikorrent jistħoqqilhomx ikunu kawtelati bil-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kif indikati. (Ara **Qorti tal Kummerc – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387** ).

Il-Qorti fliet b'reqqa l-provi li tressqu. Minn dak li għandha quddiemha jidher, li x-xogħlijiet li qed jilmenta minnhom ir-Rikorrent qegħdin isiru bis-saħħa tad-Dokment ND 2. Dan huwa ftehim li sar bejn Infrastructure Malta u s-Soċjeta' GP Borg Ltd. Ebda wieħed mill-intimati ma huwa parti għal dan il-ftehim. Il-Qorti osservat ukoll, li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2019

saru diversi mistoqsijiet tekniċi lill-Perit Christopher Mintoff, mhux biss bħala l-Perit li qiegħed jissorvelja x-xogħolijiet iżda ukoll dwar materja li hija regolata **minn dan** il-ftehim.

Huwa paċifiku li x-xogħolijiet inkwistjoni qegħdin isiru abbażi ta' dan il-ftehim u li la s-Soċjeta' GP Borg Ltd u l-anqas Infrastructure Malta ma huma parti għal dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti tħoss, li sa fejn jirrigwarda l-intimati f'dawn il-proċeduri, ir-Rikorrent ma rnexxilux jipprova li jesistu r-rekwiżiti skont il-liġi sabiex jinħareg mandat ta' inibizzjoni kontra tagħhom. Konsegwentement, il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talbiet tar-Rikorrent fil-kwalita premessa, mingħajr ebda preġudizzju għal kull rimedju ieħor li jista' jkollu taħt il-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti, fil-waqt li qed tirrevoka d-digriet provviżorju tagħha tad-9 ta' Lulju 2019 qegħdha tipprovdi definittivament dwar ir-rikors billi **tiċħad** it-talbiet tar-Rikorrent fil-kwalita minnu premessa kif mitluba fir-rikors tad-9 ta' Lulju 2019 bl-ispejjes kontra tiegħu.

**Mogħti kameralment illum, 25 ta' Lulju, 2019**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**